# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-1 ta' Lulju 2021[1]

**Kawża C-638/19 P**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**
**European Food SA,**
**Starmill SRL,**
**Multipack SRL,**
**Scandic Distilleries SA,**
**Ioan Micula,**
**Viorel Micula,**
**European Drinks SA,**
**Rieni Drinks SA,**
**Transilvania General Import-Export SRL,**

**West Leasing SRL, li kienet West Leasing International SRL**

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Arbitraġġ – Għajnuna li tirriżulta mill-ħlas ta' danni mogħtija lil ċerti operaturi ekonomiċi minn tribunal ta' arbitraġġ – Trattat bilaterali ta' investiment – Applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni"

## I. Introduzzjoni

1. L-iskontru mqanqal bejn id-dritt tal-Unjoni u d-dritt tal-arbitraġġ dwar l-investimenti qajjem diversi kwistjonijiet li s-sentenza Achmea[2] ma kinitx suffiċjenti sabiex tirriżolvi. Din il-kawża, li hija rappreżentattiva ta' din ir-relazzjoni ta' kunflitt, għalhekk toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja okkażjoni tajba sabiex, filwaqt li titfakkar il-loġika li fuqha hija bbażata dik is-sentenza, jiġu speċifikati f'iktar dettall il-prinċipji li jirregolaw il-kwistjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-proċeduri ta' arbitraġġ ibbażati fuq trattati bilaterali ta' investiment konklużi bejn żewġ Stati Membri, fil-kuntest partikolari ta' proċedura ta' arbitraġġ mibdija abbażi ta' trattat bilaterali ta' investiment konkluż bejn żewġ Stati Membri qabel l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Istat parti fl-arbitraġġ.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Sentenza tas-6 ta' Marzu 2018 (C-284/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Achmea", EU:C:2018:158).

2. Filwaqt li tinsab f'salib it-toroq bejn l-arbitraġġ dwar l-investimenti u d-dritt tal-għajnuna mill-Istat, din il-kawża tikkostitwixxi wkoll opportunità sabiex tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-portata tal-kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea taħt l-Artikoli 107 u 108 TFUE f'tali kuntest.

3. Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Ġunju 2019, European Food SA *et* vs Il-Kummissjoni (T-624/15, T-694/15 u T-704/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2019:423), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1470 tat-30 ta' Marzu 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38517 (2014/C) (ex 2014/NN) *et seq.* implimentata mir-Rumanija – Deċiżjoni ta' Arbitraġġ Micula vs ir-Rumanija tal-11 ta' Diċembru 2013 (ĠU 2015, L 232, p. 43, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Il-Konvenzjoni dwar l-ICSID

4. Il-Konvenzjoni dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investimenti bejn l-Istati u ċ-Ċittadini ta' Stati Oħra tat-18 ta' Marzu 1965 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar l-ICSID"), li daħlet fis-seħħ fir-rigward tar-Rumanija fit-12 ta' Ottubru 1975, tistabbilixxi, fl-Artikolu 53(1) tagħha:

"Id-deċiżjoni tkun torbot liż-żewġ partijiet u ma tkunx tista' tiġi appellata jew tkun suġġetta għal xi rimedju ieħor ħlief hekk kif hemm provdut f'din il-Konvenzjoni. Kull parti għandha tħares u twettaq il-kondizzjonijiet tad-deċiżjoni [...]"

5. L-Artikolu 54(1) tal-Konvenzjoni dwar l-ICSID jipprovdi:

"Kull Stat Kontraenti għandu jirrikonoxxi deċiżjoni mogħtija skont din il-Konvenzjoni bħala vinkolanti u jinforza l-obbligi finanzjarji imposti b'dik id-deċiżjoni fi ħdan it-territorji tiegħu daqs li kieku kienet sentenza finali ta' qorti f'dak l-Istat [...]".

### B. Il-Ftehim tal-1995

6. Il-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ekonomiċi Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra[3] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim tal-1995"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1995, kien jipprovdi, fl-Artikolu 64(1) u (2) tiegħu:

"1. Dawn li jmiss huma inkompatibbli mal-funzjonament xieraq ta' dan il-Ftehim, sakemm huma ma jaffetwawx [sa fejn jaffettwaw il-]kummerċ bejn il-Komunità u r-Rumanija:

[...]

(iii) kull għajnuna pubblika li tfixkel jew thedded li tfixkel kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.

[3] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 59, p. 3.

2. Kull prattika li hija kontra dan l-Artikolu għandha tiġi stmata fuq il-bażi ta' kriterja li jiġu minn applikazzjoni tar-regolamenti ta' l-Artikolu [Artikoli 101, 102 u 107 TFUE]".

7. L-Artikoli 69 u 71 tal-Ftehim tal-1995 kienu jimponu fuq ir-Rumanija li tikkonforma l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha mal-acquis Komunitarju.

## C. Il-BIT

8. It-Trattat Bilaterali ta' Investiment konkluż fid-29 ta' Mejju 2002 bejn il-Gvern tar-Renju tal-Isvezja u l-Gvern Rumen għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka ta' Investimenti (iktar 'il quddiem il-"BIT"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003 u jipprovdi, fl-Artikolu 2(3) tiegħu:

"Kull parti kontraenti għandha tiżgura f'kull mument trattament ġust u ekwu għall-investimenti ta' investituri tal-parti kontraenti l-oħra u ma tostakolax, permezz ta' miżuri arbitrarji jew diskriminatorji, l-amministrazzjoni, il-ġestjoni, iż-żamma, l-użu, it-tgawdija jew it-trasferiment tal-imsemmija investimenti mill-imsemmija investituri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9. L-Artikolu 7 tal-BIT jipprovdi li t-tilwim bejn l-investituri u l-pajjiżi firmatarji huma rregolati, b'mod partikolari, minn tribunal ta' arbitraġġ imqiegħed taħt il-patroċinju tal-Konvenzjoni dwar l-ICSID.

## D. It-Trattat ta' Adeżjoni u l-Att ta' Adeżjoni

10. Bis-saħħa tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea[4], iffirmat fil-25 ta' April 2005, ir-Rumanija aderixxiet mal-Unjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

11. L-Artikolu 2 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea[5] (iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni") jistabbilixxi:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet [...] qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu [...] lir-Rumanija u għandhom japplikaw [f'dak l-Istat] bil-kondizzjonijiet kif elenkati f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

12. Il-Kapitolu 2 tal-Anness V tal-Att ta' Adeżjoni, intitolat "Politika dwar il-kompetizzjoni", jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

"1. L-iskemi ta' għajnuna li ġejjin u l-għajnuna individwali li bdew isseħħu fi Stat Membru ġdid qabel id-data ta' l-adeżjoni u li jkunu għadhom applikabbli wara dik id-data għandhom jiġu meqjusa, ma' l-adeżjoni, bħala għajnuna eżistenti fis-sens ta' l-Artikolu [108](1) [TFUE]:

[4] Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea), u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 11).

[5] ĠU 2005, L 157, p. 203.

(a) miżuri ta' għajnuna li daħlu fis-seħħ qabel l-10 ta' Diċembru 1994;

(b) miżuri ta' għajnuna elenkati fl-Appendiċi għal dan l-Anness;

(ċ) miżuri ta' għajnuna li qabel id-data ta' l-adeżjoni kienu valutati mill-awtorità, ta' l-Istat Membru l-ġdid, li tissorvelja l-għajnuna mill-Istat u nstabu kompatibbli ma' l-*acquis*, u li dwarhom il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda oġġezzjoni abbażi ta' dubbji serji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq [intern], skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2.

Kull miżura li tibqa' tapplika wara d-data ta' l-adeżjoni li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti hawn fuq għandha, ma' l-adeżjoni, tiġi meqjusa bħala għajnuna ġdida għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108](3) [TFUE].

[…]

5. Fir-rigward tar-Rumanija, il-paragrafu 1(ċ) għandu japplikaw biss għal miżuri ta' għajnuna valutati mill-awtorità Rumena li tissorvelja l-għajnuna mill-Istat wara tali data, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni iddeċidiet, abbażi ta' monitoraġġ kontinwu ta' l-impenji assunti mir-Rumanija fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni, li l-prestazzjoni Rumena fl-infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni laħqet livell sodisfaċenti. Tali livell sodisfaċenti għandu jiġi kunsidrat bħala milħuq biss ladarba r-Rumanija turi l-applikazzjoni konsistenti ta' kontroll sħiħ u adegwat fuq l-għajnuna mill-Istat relattivament għall-miżuri kollha ta' għajnuna mogħtija fir-Rumanija, inklużi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċizjonijiet motivati kompletament u korrettament mill-awtorità Rumena li tissorvelja l-għajnuna mill-Istat li jkun fihom valutazzjoni preċiża tan-natura ta' l-għajnuna Statali ta' kull miżura u applikazzjoni korretta tal-kriterji ta' kompatibbiltà.

Il-Kummissjoni tista' toġġezzjona, abbażi ta' dubbji serji dwar il-kompatibbiltà mas-suq komuni, għal kwalunkwe miżura ta' għajnuna mogħtija fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni bejn l-1 ta' Settembru 2004 u d-data ffissata fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' hawn fuq li sabet li l-prestazzjoni ta' l-infurzar laħqet livell sodisfaċenti. Tali deċiżjoni tal-Kummissjoni li toġġezzjona għal xi miżura għandha titqies bħala deċiżjoni biex tinbeda proċedura ta' investigazzjoni formali fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 [6]. Jekk tali deċiżjoni tittieħed qabel id-data ta' l-adeżjoni, id-deciżjoni għandha tidħol fis-seħħ biss fid-data ta' l-adeżjoni.

Fejn il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni negattiva wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li r-Rumanija għandha tieħu kull miżura neċessarja biex tirkupra effettivament l-għajnuna mill-benefiċjarju. L-għajnuna li għandha tiġi irkuprata għandha tinkludi imgħax b'rata adatta determinata skond ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 [7], u li għandu jitħallas mill-istess data."

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

13. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti fil-punti 1 sa 42 tas-sentenza appellata u, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

6 Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

7 Regolament tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament Nru 659/1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 4, p. 3).

14. Fit-2 ta’ Ottubru 1998, l-awtoritajiet Rumeni adottaw l-Ordinanza Governattiva ta’ Emerġenza Nru 24/1998 (iktar ’il quddiem l-“EGO 24”), li tagħti lil ċerti investituri f’reġjuni żvantaġġati li kisbu ċertifikat ta’ investitur permanenti, sensiela ta’ inċentivi, fosthom, b’mod partikolari, faċilitajiet bħall-eżenzjoni mill-ħlas tad-dazji doganali u t-taxxa fuq il-valur miżjud fuq makkinarju, ir-rimbors tad-dazji doganali fuq materja prima, kif ukoll l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji sa fejn iż-żona kkonċernata kienet meqjusa li kienet reġjun żvantaġġat.

15. Permezz tad-deċiżjoni tal-25 ta’ Marzu 1999, applikabbli mill-1 ta’ April 1999, il-Gvern Rumen iddikjara ż-żona tal-minjieri ta’ Ștei-Nucet, kontea ta’ Bihor, bħala reġjun żvantaġġat għal 10 snin.

16. Sabiex tosserva l-obbligu ta’ allineament tagħha previst mill-Ftehim tal-1995, ir-Rumanija adottat fl-1999 il-Liġi Nru 143/1999 dwar l-Għajnuna mill-Istat, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2000. Din il-liġi, li kienet tirriproduċi d-definizzjoni ta’ għajnuna mill-Istat prevista fl-Artikolu 64 tal-Ftehim tal-1995 u fl-attwali Artikolu 107 TFUE, indikat lill-Consiliul Concurenței (il-Kunsill għall-Kompetizzjoni, ir-Rumanija) bħala awtorità nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tal-għajnuna mill-Istat, kompetenti sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Rumanija lill-impriżi.

17. Fil-15 ta’ Mejju 2000, il-Kunsill għall-Kompetizzjoni adotta d-Deċiżjoni Nru 244/2000 li permezz tagħha stabbilixxa li diversi inċentivi mogħtija mill-EGO 24 kellhom jitqiesu li kienu għajnuna mill-Istat u kellhom jitħassru.

18. Fl-1 ta’ Lulju 2000, l-Ordinanza Governattiva ta’ Emerġenza Nru 75/2000 emendat l-EGO 24 (iktar ’il quddiem, flimkien, l-“EGO”).

19. Fil-kuntest tal-appell tiegħu quddiem il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta’ Bukarest, ir-Rumanija), il-Kunsill għall-Kompetizzjoni kkontesta l-fatt li, minkejja l-adozzjoni tal-Ordinanza Governattiva ta’ Emerġenza Nru 75/2000, id-Deċiżjoni tiegħu Nru 244/2000 ma kinitx ġiet implimentata. Dak l-appell ġie miċħud permezz ta’ deċiżjoni tas-26 ta’ Jannar 2001 u din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) permezz ta’ deċiżjoni tad-19 ta’ Frar 2002.

20. Ioan u Viorel Micula, rikorrenti fl-ewwel istanza, huma ċittadini Svediżi residenti fir-Rumanija u l-azzjonisti maġġoritarji tal-kumpannija European Food and Drinks Group, li l-attività tagħha tirrigwarda l-produzzjoni ta’ ikel u xorb fir-reġjun ta’ Ștei-Nucet, kontea ta’ Bihor (ir-Rumanija). Il-kumpanniji European Food SA, Starmill SRL, Multipack SRL, Scandic Distilleries SA, European Drinks SA, Rieni Drinks SA, Transilvania General Import-Export SRL u West Leasing SRL (li kienet West Leasing International SRL), huma wkoll rikorrenti fl-ewwel istanza, li jappartjenu lill-kumpannija European Food and Drinks Group.

21. Fuq il-bażi taċ-ċertifikati ta’ investituri permanenti, miksuba fl-1 ta’ Ġunju 2000 minn European Food u, fis-17 ta’ Mejju 2002, minn Starmill u Multipack, dawn il-kumpanniji għamlu investimenti fiż-żona tal-minjieri ta’ Ștei-Nucet.

22. Fi Frar 2000, ir-Rumanija bdiet in-negozjati għall-adeżjoni mal-Unjoni. Fil-kuntest ta’ dawn in-negozjati, l-Unjoni, fil-pożizzjoni komuni tal-21 ta’ Novembru 2001, ikkonstatat l-eżistenza fir-Rumanija ta’ “numru ta’ skemi ta’ għajnuna inkompatibbli eżistenti kif ukoll ġodda li ma ngħabux konformi mal-acquis”, inklużi l-“faċilitajiet ipprovduti taħt l-[EGO]”.

23. Fis-26 ta’ Awwissu 2004, filwaqt li speċifikat li “[s]abiex jiġu ssodisfati l-kriterji fir-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat, u anki sabiex jitlestew in-negozjati skont il-Kapitolu Nru 6 (Politika dwar il-Kompetizzjoni), [kien] neċessarju li jiġu eliminati l-forom kollha ta’ għajnuna mill-Istat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li [kienu] inkompatibbli mal-acquis communautaire f’dan il-qasam”, ir-Rumanija ħassret l-inċentivi kollha mogħtija skont l-EGO, bl-eċċezzjoni tal-faċilità għat-taxxa fuq il-kumpanniji. Dan it-tħassir daħal fis-seħħ fit-22 ta’ Frar 2005.

24. Fl-1 ta’ Jannar 2007, ir-Rumanija aderixxiet mal-Unjoni.

25. Fit-28 ta’ Lulju 2005, ħamsa mir-rikorrenti fl-ewwel istanza, jiġifieri Ioan u Viorel Micula, European Food, Starmill u Multipack (iktar ’il quddiem ir-“rikorrenti fl-arbitraġġ”) talbu l-istabbiliment ta’ tribunal ta’ arbitraġġ, skont l-Artikolu 7 tal-BIT, sabiex jiksbu kumpens għad-danni kkawżati mit-tħassir tal-inċentivi previsti mill-EGO.

26. Permezz tad-deċiżjoni ta’ arbitraġġ tal-11 ta’ Diċembru 2013 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni ta’ arbitraġġ”), it-tribunal ta’ arbitraġġ ikkonkluda li, billi ħassret l-inċentivi previsti mill-EGO, ir-Rumanija ma rnexxilhiex tiżgura trattament ġust u ekwu tal-investimenti u ta lir-rikorrenti fl-arbitraġġ danni dovuti mir-Rumanija fl-ammont ta’ 791 882 452 leu Rumen (RON) (madwar EUR 178 miljun).

27. Fil-31 ta’ Jannar 2014, id-dipartimenti tal-Kummissjoni informaw lill-awtoritajiet Rumeni li kwalunkwe implimentazzjoni jew eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta’ arbitraġġ tkun tikkostitwixxi għajnuna ġdida u trid tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

28. Fl-20 ta’ Frar 2014, l-awtoritajiet Rumeni informaw lid-dipartimenti tal-Kummissjoni bil-ħlas ta’ parti mid-danni li t-tribunal ta’ arbitraġġ kien ta lir-rikorrenti fl-arbitraġġ, permezz ta’ tpaċija ta’ taxxi dovuti lill-awtoritajiet Rumeni minn European Food.

29. Fis-26 ta’ Mejju 2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2014) 3192, li permezz tagħha ordnat lir-Rumanija, skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, tissospendi immedjatament kwalunkwe azzjoni li tista’ twassal għall-implimentazzjoni jew għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta’ arbitraġġ, għar-raġuni li tali azzjoni kienet tidher li tista’ tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali, sakemm il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni finali dwar il-kompatibbiltà ta’ din il-miżura mas-suq intern.

30. Permezz ta’ ittra tal-1 ta’ Ottubru 2014, il-Kummissjoni informat lir-Rumanija bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni parzjali mir-Rumanija tad-deċiżjoni ta’ arbitraġġ fil-bidu tas-sena 2014 kif ukoll fir-rigward ta’ kull implimentazzjoni jew eżekuzzjoni ulterjuri tagħha.

31. Skont l-awtoritajiet Rumeni, id-deċiżjoni ta’ arbitraġġ kienet ġiet implimentata b’mod sħiħ.

32. Fit-30 ta’ Marzu 2015, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża, li fiha qieset li l-ħlas tad-danni mogħtija mit-tribunal ta’ arbitraġġ lill-unità ekonomika unika magħmula minn Ioan u Viorel Micula, European Food, Starmill, Multipack, Scandic Distilleries, European Drinks, Rieni Drinks, Transilvania General Import-Export u West Leasing kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u kellu jiġi rkuprat.

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

33. Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6, fit-30 u fit-28 ta' Novembru 2015, rispettivament, European Food, Starmill, Multipack u Scandic Distilleries, fil-Kawża T-624/15, Ioan Micula, fil-Kawża T-694/15, u Viorel Micula, kif ukoll European Drinks, Rieni Drinks, Transilvania General Import-Export u West Leasing, fil-Kawża T-704/15, ippreżentaw, kull wieħed minnhom, rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Ir-Renju ta' Spanja u l-Ungerija ġew awtorizzati mill-Qorti Ġenerali jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 68 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali għaqqdet dawn it-tliet kawżi għall-finijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza.

34. Insostenn ta' kull wieħed mir-rikorsi fl-ewwel istanza, ir-rikorrenti qajmu tmien motivi, uħud minnhom maqsuma f'diversi partijiet.

35. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, laqgħet l-ewwel parti tat-tieni motiv imressqa fil-Kawżi T-624/15 u T-694/15 u l-ewwel parti tal-ewwel motiv imressqa fil-Kawża T-704/15, ibbażati fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni u fuq l-inapplikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni għal sitwazzjoni preċedenti għall-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 59 sa 93 ta' din is-sentenza, li, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet applikat b'mod retroattiv il-kompetenzi li hija kellha, skont l-Artikolu 108 TFUE u r-Regolament Nru 659/1999, għal fatti preċedenti għal din l-adeżjoni u li, għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx tikklassifika l-miżura inkwistjoni bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

36. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tieni parti tat-tieni motiv imressqa fil-Kawżi T-624/15 u T-694/15 u l-ewwel parti tat-tieni motiv imressqa fil-Kawża T-704/15, ibbażati fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ bħala "vantaġġ" u "għajnuna", fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 94 sa 111 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata b'illegalità sa fejn hija kienet tikklassifika bħala vantaġġ u għajnuna, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-għoti, mit-tribunal ta' arbitraġġ, ta' danni intiżi li jikkumpensaw id-danni li jirriżultaw mill-irtirar tal-miżuri ta' inċentivi fiskali, tal-inqas għall-perijodu preċedenti għad-data tad-dħul fis-seħħ tad-dritt tal-Unjoni fir-Rumanija.

37. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża kollha, mingħajr ma eżaminat il-partijiet l-oħra ta' dawn il-motivi u lanqas il-motivi l-oħra.

## V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet ifformulati mill-partijiet

38. Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika tal-Polonja, titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel motiv u l-ewwel parti tat-tieni motiv imqajma fil-Kawża T-704/15, kif ukoll l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni motiv imqajma fil-Kawżi T-624/15 u T-694/15;

– tibgħat il-Kawżi magħquda T-624/15, T-694/15 u T-704/15 lura quddiem il-Qorti Ġenerali; u

– tirriżerva l-ispejjeż.

39. Ir-Renju ta’ Spanja, fir-risposta tiegħu, jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tilqa’ l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza bħala inammissibbli; u

– sussidjarjament, tilqa’ l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza bħala infondat.

40. European Food, Starmill, Multipack u Scandic Distilleries kif ukoll Ioan Micula (iktar ’il quddiem “European Food *et*”) jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell;

– sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– iktar sussidjarjament, tibgħat il-kawżi lura quddiem il-Qorti Ġenerali; u

– tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-intervenjenti jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk ta’ European Food *et* relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza u ma’ dik tal-appell.

41. Viorel Micula, European Drinks, Rieni Drinks, Transilvania General Import-Export u West Leasing (iktar ’il quddiem “Viorel Micula *et*”) jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell;

– sussidjarjament, tilqa’ t-tieni motiv tal-ewwel istanza mqajjem fil-Kawża T-704/15 u, għaldaqstant, tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– iktar sussidjarjament, tibgħat il-kawżi lura quddiem il-Qorti Ġenerali;

– tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk ta’ Viorel Micula *et* relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza u ma’ dik tal-appell; u

– tikkundanna lill-Ungerija u lir-Renju ta’ Spanja għall-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza u ma’ dik tal-appell.

42. Permezz tal-appell inċidentali tiegħu, ir-Renju ta’ Spanja, sostnut mir-Repubblika tal-Polonja, jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza bħala inammissibbli; u

– tikkundanna lil European Food *et* u lil Viorel Micula *et* għall-ispejjeż.

43. Il-Kummissjoni titlob li jintlaqa’ l-appell inċidentali.

44. European Food *et* u Viorel Micula *et* jitolbu li l-appell inċidentali jiġi miċħud u li r-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni u l-intervenjenti jiġu kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-appell inċidentali u li r-Renju ta' Spanja jiġi kkundannat għall-ispejjeż ta' European Food *et* u ta' Viorel Micula *et* fil-kuntest tal-appell inċidentali.

45. Il-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Polonja, European Food *et* u Viorel Micula *et* ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub dwar l-appell u dwar l-appell inċidentali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

46. Matul is-seduta li nżammet fl-20 ta' April 2021, ġew ippreżentati osservazzjonijiet orali f'isem il-Kummissjoni, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Polonja, European Food *et*, kif ukoll Viorel Micula *et*.

## VI. Analiżi

47. Ser nibda l-analiżi tiegħi bl-eżami tal-appell inċidentali dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' proċeduri ta' arbitraġġ ibbażati fuq BIT intra-Unjoni, li, kieku kellu jintlaqa', iwassal għall-inammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza. Peress li jidhirli li l-aggravji invokati insostenn tal-appell inċidentali għandhom jiġu miċħuda, ser inkompli din l-analiżi bl-eżami tal-appell prinċipali, li jirrigwarda l-kwistjoni tal-kompetenza tal-Kummissjoni fil-qasam tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-adeżjoni ta' Stat mal-Unjoni.

### A. Fuq l-appell inċidentali

48. Permezz tal-appell inċidentali tiegħu, ir-Renju ta' Spanja, sostnut f'dan is-sens mill-Kummissjoni u mir-Repubblika tal-Polonja fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, isostni li l-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni u d-deċiżjoni ta' arbitraġġ sussegwenti jiksru l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Achmea. Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti fl-ewwel istanza ma kellhom ebda interess ġuridiku leġittimu, peress li dawn kienu qegħdin ifittxu li jiksbu l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża bil-għan li tiġi eżegwita deċiżjoni ta' arbitraġġ li tmur kontra l-Artikolu 19 TUE u l-Artikoli 267 u 344 TFUE.

#### *1. Fuq l-ammissibbiltà tal-appell inċidentali*

49. European Food *et* u Viorel Micula *et* isostnu li l-appell inċidentali ppreżentat mir-Renju ta' Spanja huwa inammissibbli.

50. Fl-ewwel lok, ir-Renju ta' Spanja ma għandux il-*locus standi* sabiex jipparteċipa fil-proċedura bħala appellat, fis-sens tal-Artikolu 172 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, u għalhekk ma setax jipparteċipa f'din il-proċedura bħala parti li tippreżenta appell inċidentali.

51. F'dan ir-rigward, nirrileva li, permezz ta' ittri tas-17 ta' Marzu 2020, European Food *et* u Viorel Micula *et* diġà talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja li r-Renju ta' Spanja jiġi eskluż minn din il-proċedura bħala parti fiha, għar-raġuni li dan l-Istat Membru ma jurix li għandu interess li l-appell jintlaqa' jew jiġi miċħud, fis-sens tal-Artikolu 172 tar-Regoli tal-Proċedura. Permezz ta' ittra tad-29 ta' Marzu 2020, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, wara d-deċiżjoni meħuda mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, wara li nstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, informa

lill-partijiet biċ-ċaħda tat-talba tagħhom għar-raġuni, essenzjalment, li, peress li kien ġie awtorizzat, bħala Stat Membru, jintervjeni fl-ewwel istanza, skont l-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Renju ta' Spanja kellu awtomatikament interess li l-appell jintlaqa' jew jiġi miċħud.

52. Fil-fatt, minn naħa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ċ-ċaħda mill-Qorti Ġenerali tat-talbiet li jkunu tressqu quddiemha hija suffiċjenti, għall-parti inkwistjoni, sabiex turi li għandha interess li l-appell jintlaqa' jew jiġi miċħud [8]. Peress li r-Renju ta' Spanja talab, quddiem il-Qorti Ġenerali, li r-rikorsi tar-rikorrenti fl-ewwel istanza jiġu miċħuda, dan l-Istat Membru għandu neċessarjament interess li l-appell jintlaqa' jew jiġi miċħud, fis-sens tal-Artikolu 172 tar-Regoli tal-Proċedura.

53. Min-naħa l-oħra, fi kwalunkwe każ, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 40 u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jagħtu lill-Istati Membri l-istatus ta' "rikorrenti privileġġati" li jiddispensahom milli juru li għandhom interess sabiex jippreżentaw appell – u għalhekk, *a fortiori*, appell inċidentali – quddiem il-qrati tal-Unjoni [9].

54. Fit-tieni lok, skont l-Artikolu 178(3) tar-Regoli tal-Proċedura, l-appell inċidentali huwa inammissibbli sa fejn, minn naħa, jillimita ruħu li jirriproduċi l-istess argumenti li ġew żviluppati mir-Renju ta' Spanja fir-risposta għall-appell prinċipali jew li jagħmel riferiment għal argumenti fformulati fil-kuntest ta' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, fl-istess ħin huwa jfittex li jestendi s-suġġett tat-tilwima.

55. Huwa minnu li l-argumenti fformulati minn dan l-Istat Membru fl-appell inċidentali u fir-risposta għall-appell huma simili. Għandi madankollu nenfasizza li, permezz tal-appell inċidentali, ir-Renju ta' Spanja qiegħed jikkontesta l-ammissibbiltà tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali. Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar hija obbligata tiddeċiedi, jekk hemm bżonn *ex officio*, dwar l-aggravji bbażati fuq l-inammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza [10].

56. Għaldaqstant, anki jekk jitqies li jeżistu sovrappożizzjonijiet bejn ir-risposta tar-Renju ta' Spanja u l-appell inċidentali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija obbligata teżamina *ex officio* l-kwistjoni tal-ammissibbiltà, peress li din tal-aħħar tista' tiġi diskussa li kieku kellu jintlaqa' l-argument ta' dan l-Istat Membru, sostnut f'dan is-sens mill-Kummissjoni, mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mir-Repubblika tal-Latvja u mir-Repubblika tal-Polonja.

57. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li, fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu analizzati d-diversi argumenti invokati fil-kuntest tal-appell inċidentali li permezz tagħhom ir-Renju ta' Spanja jfittex li jipprova l-inammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza.

### *2. Fuq il-mertu tal-appell inċidentali*

58. Ir-Renju ta' Spanja jqajjem tliet argumenti insostenn tal-aggravju dwar l-inkompatibbiltà tal-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, li twassal għall-inammissibbiltà tar-rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.

8 Ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2018, Makhlouf vs Il-Kunsill (C-458/17 P, mhux ippubblikata, EU:C:2018:441, punt 32).

9 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Franza vs People's Mojahedin Organization of Iran (C-27/09 P, EU:C:2011:853, punt 45). Ara wkoll Wathelet, M., Wildemeersch, J., *Contentieux européen*, Larcier, 2014, p. 488.

10 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Bayerische Motoren Werke u Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni (C-654/17 P, EU:C:2019:634, punt 44).

59. Nammetti li għandi xi dubji dwar l-effett tal-inkompatibbiltà tal-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni fuq l-interess ġuridiku ta' European Food *et* u ta' Viorel Micula *et* u fuq l-ammissibbiltà tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali [11]. Madankollu, kif ser nuri, l-argument ibbażat fuq l-inkompatibbiltà tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ mad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi miċħud, b'mod li ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-effett tagħha fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrenti.

60. Ser nibda l-analiżi tal-appell inċidentali bl-istudju tal-ewwel żewġ argumenti invokati mir-Renju ta' Spanja, li jimmilitaw, essenzjalment, favur l-applikazzjoni għall-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Achmea, li saret possibbli bl-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni.

61. Ser inkompli din l-analiżi bl-eżami tal-aħħar argument tal-ewwel aggravju tal-appell inċidentali, li jitbiegħed mill-kwistjoni tal-BIT intra-Unjoni u jirrigwarda l-kwistjoni tal-kompatibbiltà mal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ta' mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim bejn Stati Membri u Stati terzi.

### *a) Il-portata tas-sentenza Achmea f'dak li jirrigwarda proċedura ta' arbitraġġ mibdija abbażi ta' BIT konkluż bejn żewġ Stati Membri qabel l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat parti fl-arbitraġġ u pendenti fil-mument ta' din l-adeżjoni*

62. Ir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Polonja jsostnu li, fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Achmea, il-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

63. Fl-ewwel lok, dawn il-partijiet isostnu li l-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni għandha titqies, b'effett mid-data tal-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija, bħala arbitraġġ "intra-Unjoni".

64. Fit-tieni lok, it-tribunal ta' arbitraġġ ikkostitwit abbażi tal-BIT li jorbot lir-Renju tal-Isvezja u r-Rumanija jkollu jinterpreta jew japplika d-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Ftehim tal-1995. Issa, mis-sentenza Achmea jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim previst minn BIT konkluż bejn żewġ Stati Membri u li jinvolvi li tribunal ta' arbitraġġ, barra mis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni u mhux suġġett għall-istħarriġ ta' qorti ta' Stat Membru, jista' jinterpreta jew japplika d-dritt tal-Unjoni.

65. Għalhekk, b'effett mid-data tal-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija, il-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni tikser l-Artikoli 267 u 344 TFUE.

[11] B'mod partikolari, mid-deċiżjoni kontenzjuża u mis-sentenza appellata jirriżulta li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ġiet eżegwita u li l-miżura kkonċernata mid-deċiżjoni kontenzjuża tħallset lil European Food *et* u Viorel Micula *et*. Sa fejn ma jidhirlix li l-inkompatibbiltà tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ diġà eżegwita għandha, fiha nnifisha, l-effett li timponi fuq ir-rikorrenti obbligu li jirrimborsaw il-kumpens, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża jkollu neċessarjament effett fuq is-sitwazzjoni tagħhom, peress li din id-deċiżjoni tiddetermina jekk ikunux jistgħu jżommu l-ħlasijiet imwettqa mir-Rumanija.

*1) L-applikabbiltà* ratione temporis *tal-ġurisprudenza Achmea*

66. Naqbel faċilment mal-pożizzjoni tar-Renju ta' Spanja u tal-Kummissjoni li tgħid li d-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Achmea, japplikaw fir-Rumanija sa mill-mument tal-adeżjoni tagħha [12].

*i) L-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni b'effett mill-adeżjoni*

67. Fil-fehma tiegħi, din l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sa mill-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija twassal għal konsegwenza ċerta. Kwalunkwe proċedura ta' arbitraġġ mibdija abbażi ta' BIT li jorbot lir-Rumanija ma' Stat Membru ieħor *wara* l-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Mill-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li, b'effett minn din l-adeżjoni, il-ġurisdizzjoni ta' tribunal ta' arbitraġġ imwaqqaf abbażi ta' BIT konkluż bejn ir-Rumanija u Stat Membru ieħor ma tistax tiġi stabbilita u ebda proċedura ta' arbitraġġ ma tista' tinbeda iktar abbażi ta' BIT intra-Unjoni [13].

68. Madankollu, jidhirli li tali soluzzjoni hija diskutibbli f'dak li jirrigwarda proċeduri ta' arbitraġġ mibdija *qabel* l-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija, u li jkunu għadhom pendenti fil-mument ta' din l-adeżjoni, b'mod li għandu jiġi analizzat sa fejn il-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza Achmea japplikaw għal dawn is-sitwazzjonijiet.

*ii) L-applikabbiltà immedjata tal-prinċipji tas-sentenza Achmea għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot qabel l-adeżjoni mal-Unjoni*

69. Sabiex jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Achmea għal tali sitwazzjonijiet, ir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni jibbażaw ruħhom fuq il-prinċipju ta' applikabbiltà immedjata tad-dritt tal-Unjoni għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot qabel l-adeżjoni mal-Unjoni [14].

70. Tali prinċipju ma jistax jitqiegħed fid-dubju [15]. Mill-ġurisprudenza jirriżulta b'mod ċar ħafna li, "skont prinċipju ġeneralment irrikonoxxut, il-liġijiet li jemendaw dispożizzjoni leġiżlattiva japplikaw, ħlief fil-każ ta' deroga, għall-effetti futuri tas-sitwazzjonijiet preċedenti li nħolqu taħt il-liġi l-antika" [16], u minn dan jirriżulta wkoll li d-dritt tal-Unjoni "għandu jitqies li japplika immedjatament u jorbot [lill-Istat Membru] sa mid-data tal-adeżjoni tiegħu, b'mod li japplika għall-effetti futuri tas-sitwazzjonijiet li nħolqu qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru ġdid" [17].

71. Barra minn hekk, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat b'mod wiesa' l-kunċett ta' "effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot taħt liġi antika" [18]. F'diversi okkażjonijiet, hija rreferiet għas-"sitwazzjonijiet li jkunu nħolqu qabel id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni l-ġdida iżda li ma

12 Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni. Ara wkoll, dwar dan il-punt, Malferrari, L., "Protection des investissements intra-UE post Achmea et post avis CETA: entre (faux) mythes et (dures) réalités", f'Berramdane, A. u Trochu, M., *Union européenne et protection des investissements*, Bruylant, 2021, p. 63.

13 Dwar dan il-punt, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Komstroy (C-741/19, EU:C:2021:164, punt 69).

14 F'dan ir-rigward, ara Kaleda, S.L., *Przejęcie prawa wspólnotowego przez nowe państwo członkowskie. Zagadnienia przejściowe i międzyczasowe*, Varsavja, 2003, p. 127 sa 192.

15 Dwar ir-rilevanza tal-prinċipju ta' applikabbiltà immedjata tad-dritt tal-Unjoni kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ara Blatière, L., *L'applicabilité temporelle du droit de l'Union européenne*, CREAM, 2018, p. 152 sa 167.

16 Sentenzi tal-15 ta' Frar 1978, Bauche u Delquignies (96/77, EU:C:1978:26, punt 48), u tas-7 ta' Frar 2002, Kauer (C-28/00, EU:C:2002:82, punt 20). Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Hungeod *et* (C-496/18 u C-497/18, EU:C:2020:240, punt 94).

17 Sentenza tat-2 ta' Ottubru 1997, Saldanha u MTS (C-122/96, EU:C:1997:458, punt 14).

18 Għal studju dettaljat tal-mod wiesa' kif il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta s-sitwazzjonijiet pendenti, ara Blatière, L., *op. cit.*, p. 148 sa 152.

jkunux għadhom laħqu l-milja tagħhom”[19], li turi tifsira mhux restrittiva ta’ dak li jkopru t-termini “effetti futuri”. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat b’mod ċar l-applikabbiltà immedjata tad-dritt tal-Unjoni għall-kwistjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-kumpens għal dannu kkawżat qabel l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat Membru, imħallas wara din l-adeżjoni, u intiż li jikkumpensa l-konsegwenzi tad-dannu matul il-bqija tal-ħajja tal-vittma[20].

72. Fid-dawl ta’ din il-ġurisprudenza, u kuntrarjament għall-pożizzjoni li jiddefendu European Food *et* u Viorel Micula *et*, it-tkomplija wara l-adeżjoni tal-proċedura ta’ arbitraġġ inkwistjoni, mibdija wara att kontenzjuż tar-Rumanija adottat qabel l-adeżjoni, hija suffiċjenti, fil-fehma tiegħi, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta’ effetti futuri ta’ sitwazzjoni li nħolqot qabel l-adeżjoni[21].

73. Għalhekk jidhirli li d-dritt tal-Unjoni u, konsegwentement, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Achmea japplikaw, *ratione temporis*, għall-proċedura ta’ arbitraġġ inkwistjoni, mibdija abbażi ta’ BIT li jorbot ir-Rumanija ma’ Stat Membru ieħor qabel l-adeżjoni, u li kienet għadha pendenti fil-mument tal-adeżjoni.

74. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, il-prinċipju ta’ applikabbiltà immedjata tad-dritt tal-Unjoni għall-effetti futuri ta’ sitwazzjoni li nħolqot qabel l-adeżjoni ma jippermettix, waħdu, li tiġi riżolta l-kwistjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta’ proċedura ta’ arbitraġġ mibdija abbażi ta’ BIT intra-Unjoni qabel l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat parti fl-arbitraġġ.

75. Fil-fatt, l-apparenzi kultant huma qarrieqa, u ma jistax jiġi konkluż li l-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza Achmea japplikaw għal tali sitwazzjonijiet unikament fuq din il-bażi, mingħajr ma tkun ġiet analizzata, preċedentement, il-loġika li fuqha huwa bbażat ir-raġunament f’dik is-sentenza.

### 2) *L-applikazzjoni* ratione materiae *tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Achmea*

76. L-applikazzjoni, b’effett mill-adeżjoni, tad-dritt tal-Unjoni għal proċedura ta’ arbitraġġ mibdija abbażi ta’ BIT intra-Unjoni qabel l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat parti fl-arbitraġġ ma tistax ixxejjen in-natura partikolari ta’ din il-proċedura, li dak iż-żmien inbdiet validament, relatata ma’ tilwima preċedenti għall-adeżjoni.

77. Issa, jidhirli li dawn il-karatteristiċi għandhom effett ċert, fuq livell mhux iktar *ratione temporis* iżda *ratione materiae*, fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi applikata l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Achmea għal proċedura ta’ arbitraġġ bħal dik inkwistjoni. Fi kliem ieħor, għalkemm din il-ġurisprudenza, bħad-dritt tal-Unjoni fit-totalità tiegħu, hija applikabbli, minn perspettiva strettament *ratione temporis*, għall-proċedura ta’ arbitraġġ inkwistjoni, dan ma huwiex il-każ, minn perspettiva *ratione materiae*, f’diversi aspetti.

[19] Sentenzi tas-17 ta’ Lulju 1997, Affish (C-183/95, EU:C:1997:373, punt 57), u tat-22 ta’ Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 148).

[20] Sentenza tat-3 ta’ Settembru 2014, X (C-318/13, EU:C:2014:2133, punti 21 sa 24). Ara wkoll, fl-istess sens, is-sentenza tal-14 ta’ Ġunju 2007, Telefónica O2 Czech Republic (C-64/06, EU:C:2007:348, punt 21).

[21] Dwar dan il-punt, ara Kaleda, S.L., *Przejęcie prawa wspólnotowego przez nowe państwo członkowskie. Zagadnienia przejściowe i międzyczasowe*, *op. cit.*, p. 183: “Id-dispożizzjonijiet [tad-dritt tal-Unjoni] li jirregolaw l-effetti ta’ ċerti atti huma applikabbli immedjatament, fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħhom, għall-effetti li jkomplu – huma japplikaw, pereżempju, għall-istanzi ta’ ksur li, minkejja li jirriżultaw minn avvenimenti li seħħew fil-passat, ikunu għadhom pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ”. (Verżjoni oriġinali Pollakka: “przepisy [prawa Unii] regulujące skutki pewnych czynności są natychmiast stosowane w stosunku do skutków trwających w momencie ich wejścia w życie - np. przechwytują naruszenie nadal trwające w dniu wejścia w życie, chociaż wynikające ze zdarzeń dawnych”).

*i) L-assenza ta' preġudizzju għall-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni*

78. Nirrileva li s-soluzzjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Achmea hija bbażata fuq il-preġudizzju għall-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni li jirrappreżenta l-użu ta' proċedura ta' arbitraġġ ibbażata fuq BIT intra-Unjoni, li fil-kuntest tagħha jista' jiġi interpretat jew applikat id-dritt tal-Unjoni.

– *Il-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni*

79. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni hija ggarantita bl-istabbiliment, permezz tat-Trattati, ta' sistema ġudizzjarja maħsuba sabiex tiżgura l-koerenza u l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [22]. Il-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari tikkostitwixxi l-element ċentrali tagħha billi tistabbilixxi djalogu bejn qorti u oħra, bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri, li għandu l-għan li jiżgura l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [23].

80. Issa, l-użu ta' proċedura ta' arbitraġġ mibdija abbażi ta' BIT konkluż bejn żewġ Stati Membri jista' jeskludi mis-sistema ġudizzjarja r-riżoluzzjoni ta' tilwima li tista' tinvolvi l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għaldaqstant jikser il-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, li jirriflettu l-Artikoli 267 u 344 TFUE.

81. Fi kliem ieħor, is-soluzzjoni tas-sentenza Achmea hija, b'mod partikolari, ibbażata fuq l-impossibbiltà, skont il-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, li l-qrati tal-Istati Membri jiċċaħħdu mill-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċċaħħad mill-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tirrispondi, permezz ta' deċiżjoni preliminari, għad-domandi magħmula mill-imsemmija qrati fir-rigward tal-interpretazzjoni jew tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [24].

82. Madankollu, jidhirli li, f'dak li jirrigwarda proċedura ta' arbitraġġ mibdija abbażi ta' BIT konkluż bejn żewġ Stati Membri *qabel* l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat parti fl-arbitraġġ, ebda tilwima li tista' tirrigwarda l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma hija eskluża mis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni.

83. F'dan ir-rigward, għandi nispeċifika li huwa irrilevanti, f'din il-perspettiva, li jiġi ddeterminat jekk tali tilwima tinvolvix, b'mod ċert, l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mit-tribunal ta' arbitraġġ. Fil-fehma tiegħi, is-sempliċi fatt li jeżisti riskju li dan ikun il-każ huwa suffiċjenti sabiex jiġi kkaratterizzat preġudizzju għall-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li t-tilwima li fiha jkun hemm tali riskju effettivament taqa' taħt is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni [25]. Nirrileva, barra minn hekk, li jidhirli li dan ir-riskju jeżisti fil-BIT intra-Unjoni kollha kemm huma. Għalhekk ma jidhirlix li huwa neċessarju li jiġi vverifikat, f'dan il-każ, jekk it-tribunal ta' arbitraġġ realment interpretax jew applikax id-dritt tal-Unjoni, jew setax jagħmel hekk. Fil-fatt nifhem is-sentenza Achmea fis-sens li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet bħala kriterju tal-kompatibbiltà ta' proċedura ta' arbitraġġ ibbażata fuq BIT intra-Unjoni mal-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni l-punt jekk tali proċedura għandhiex l-effett li ċċaħħad lill-qrati nazzjonali mill-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rigward

22 Ara s-sentenza Achmea, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara, ukoll, Malferrari, L., *op. cit.*, p. 48 u 50.

23 Opinjoni 2/13, tat-18 ta' Diċembru 2014 (EU:C:2014:2454, punt 176).

24 Opinjoni 1/09, tat-8 ta' Marzu 2011 (EU:C:2011:123, punt 89).

25 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Achmea, punti 39 u 56.

tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tirrispondi, permezz tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, għad-domandi tagħhom.

– *Il-ġurisdizzjoni tal-qrati Rumeni sabiex jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja*

84. Tilwima li tnisslet minn allegat ksur minn Stat ta' dispożizzjoni ta' BIT, qabel l-adeżjoni mal-Unjoni ta' dan l-Istat, u li l-proċedura ta' riżoluzzjoni tagħha nbdiet qabel din l-adeżjoni, ma taqax neċessarjament taħt is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni. Ir-riżoluzzjoni tagħha minn tribunal ta' arbitraġġ ikkostitwit abbażi ta' BIT konkluż bejn żewġ Stati Membri qabel l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat parti fl-arbitraġġ ma tistax iċċaħħad lill-qrati tal-Istati Membri mill-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tirrispondi, permezz ta' deċiżjoni preliminari, għad-domandi magħmula mill-imsemmija qrati dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

85. Nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprospetta s-sitwazzjoni li fiha tkun ġiet adita qorti Rumena, minflok tribunal ta' arbitraġġ, bit-tilwima dwar allegat ksur minn dan l-Istat tad-dispożizzjonijiet tal-BIT. Fil-fehma tiegħi, dik il-qorti ma setgħetx tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari li kieku kellha tqum kwistjoni ta' interpretazzjoni jew ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

86. Fil-fatt, fl-ewwel lok, huwa evidenti li, *qabel* l-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija, qorti Rumena adita bil-ksur potenzjali minn dan l-Istat Membru tad-dispożizzjonijiet tal-BIT ma setgħetx tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, peress li dik il-qorti, f'dak il-mument, ma kinitx qorti ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Barra minn hekk, il-Ftehim tal-1995 ma kienx jipprevedi l-possibbiltà għall-qrati Rumeni li jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari.

87. Fit-tieni lok, l-istess soluzzjoni tapplika f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà għall-qorti Rumena, adita qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari *wara* din l-adeżjoni. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod ċar li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest ta' tilwima dwar sitwazzjoni li seħħet qabel l-adeżjoni [26].

88. Dan kien preċiżament il-każ f'dak li jirrigwarda t-tilwima li wasslet għall-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni. L-allegat ksur tal-BIT mir-Rumanija, li huwa s-suġġett tat-tilwima, seħħ qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni u l-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni nbdiet qabel l-adeżjoni. Il-fatti rilevanti kollha f'dan ir-rigward għalhekk kienu seħħew qabel din l-adeżjoni u kienu pproduċew l-effetti kollha tagħhom. Qorti Rumena adita b'tali tilwima ma setgħetx tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni jew tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest ta' din it-tilwima.

[26] Sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Ynos (C-302/04, EU:C:2006:9, punti 36 u 37); tat-30 ta' April 2020, EUROVIA (C-258/19, EU:C:2020:345, punti 42 u 43); u digriet tal-1 ta' Ottubru 2020, Slovenský plynárenský priemysel (C-113/20, mhux ippubblikat, EU:C:2020:772, punti 28 u 31). Għal studju kritiku tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tirrispondi għal domandi preliminari fil-kuntest tal-adeżjoni mal-Unjoni ta' Stati Membri ġodda, ara Półtorak, N., "Ratione Temporis Application of the Preliminary Rulings Procedure", *Common Market Law Review*, 2008, Nru 45, p. 1357 sa 1381.

89. Tali soluzzjoni la titqiegħed fid-dubju mill-prinċipju ta' applikabbiltà immedjata tad-dritt tal-Unjoni għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot qabel l-adeżjoni u lanqas mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Kremikovtzi [27], invokata mill-Kummissjoni, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra [28], fil-kuntest ta' tilwima dwar fatti preċedenti għall-adeżjoni mal-Unjoni tal-Bulgarija.

90. F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' applikabbiltà immedjata tad-dritt tal-Unjoni għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot qabel l-adeżjoni, għandu jiġi kkonstatat li tali prinċipju ma huwiex intiż li japplika f'dak li jirrigwarda t-tilwima dwar l-allegat ksur mir-Rumanija tad-dispożizzjonijiet tal-BIT. Kif ġie espost fil-punt 88 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-fatti li wasslu għat-tilwima li biha ġiet adita l-qorti Rumena huma t-tħassir mir-Rumanija tal-iskema tal-EGO, li jwassal għal ksur potenzjali minn din tal-aħħar tal-obbligi li jirriżultaw mill-BIT. Għalhekk is-sitwazzjoni li wasslet għat-tilwima seħħet qabel l-adeżjoni u kienet tinsab kjarament fil-passat [29].

91. F'dak li jirrigwarda s-sentenza Kremikovtzi [30], lanqas ma jidhirli li din tista' tqiegħed fid-dubju l-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-istess raġunijiet. Fil-fatt, għalkemm il-fatti fit-tilwima inkwistjoni fil-kawża prinċipali f'dik is-sentenza kienu joriġinaw mill-ħlas ta' għajnuna qabel l-adeżjoni, is-suġġett tat-tilwima madankollu kien jirrigwarda l-proċedura ta' rkupru ta' din l-għajnuna u, b'mod partikolari, il-bażi legali li fuqha tali proċedura kellha tkun ibbażata, li kienet tabilħaqq sussegwenti għall-adeżjoni. Fi kliem ieħor, is-suġġett tad-domandi preliminari kien tabilħaqq jirrigwarda l-effetti ta' għajnuna, peress li kien rifless fl-adozzjoni ta' att u f'avveniment konkret *wara* l-adeżjoni ta' Stat Membru, ħaġa li kienet tiġġustifika l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari.

92. Għall-kuntrarju, it-tilwima li biha setgħet tiġi adita qorti Rumena f'dan il-każ kienet tirrigwarda sitwazzjoni – l-allegat ksur mir-Rumanija tal-BIT – li seħħet definittivament qabel l-adeżjoni. Għalhekk, kuntrarjament għall-kawża Kremikovtzi, ebda fatt jew att sussegwenti għall-adeżjoni ma kien is-suġġett tat-tilwima li biha ġie adit it-tribunal ta' arbitraġġ [31].

93. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għal domanda preliminari magħmula minn qorti Rumena fil-każ li dik il-qorti tkun ġiet adita biha, it-tilwima li wasslet għall-proċedura ta' arbitraġġ la tista' taqa' taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni qabel u lanqas wara l-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija.

27 Sentenza tad-29 ta' Novembru 2012 (C-262/11, EU:C:2012:760).

28 Ftehim konkluż u approvat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni 94/908/KEFA, KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 1994 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 532).

29 Tali sitwazzjoni hija differenti mis-sitwazzjoni li wasslet għas-sentenza tat-3 ta' Settembru 2014, X (C-318/13, EU:C:2014:2133), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni skont il-prinċipju ta' applikabbiltà immedjata tad-dritt tal-Unjoni għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot qabel l-adeżjoni. Fil-kawża X, il-qorti tar-rinviju kienet ġiet adita, *wara* l-adeżjoni tal-Finlandja mal-Unjoni, b'tilwima dwar l-ammont tal-kumpens li kien ingħata wkoll *wara* l-adeżjoni, wara dannu mġarrab qabel din l-adeżjoni. Għalhekk is-suġġett tat-tilwima kien tabilħaqq jirrigwarda fatti sussegwenti għall-adeżjoni, minkejja li dawn tal-aħħar kienu jikkostitwixxu l-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot preċedentement, u kien intiż li jirriżolvi sitwazzjoni għall-futur. Min-naħa tagħha, it-tilwima li biha ġie adit it-tribunal ta' arbitraġġ f'din il-kawża kienet tirrigwarda mhux l-ammont tal-kumpens mogħti, iżda tabilħaqq l-eżistenza stess ta' ksur mir-Rumanija tal-BIT u għalhekk kienet tirrigwarda sitwazzjoni li seħħet *qabel* l-adeżjoni.

30 Sentenza tad-29 ta' Novembru 2012 (C-262/11, EU:C:2012:760).

31 Għall-kompletezza u għal finijiet ta' kurżità duttrinali, nispeċifika li qorti Rumena ma tistax tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effetti futuri tad-deċiżjoni tagħha dwar il-ksur mir-Rumanija tal-BIT fid-dawl tar-regoli tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat. Tali domanda, minn naħa, tkun purament ipotetika peress li, fil-mument li fih il-proċedura tkun pendenti, ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat b'ċertezza l-eżitu tat-tilwima. Min-naħa l-oħra, hija ma taqax strettament taħt is-suġġett tat-tilwima li biha tkun adita l-qorti Statali, li jirrigwarda biss il-punt jekk ir-Rumanija kisritx jew le l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-BIT, b'mod li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima.

94. Minn dan jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, proċedura ta' arbitraġġ, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, mibdija abbażi ta' BIT konkluż bejn żewġ Stati Membri qabel l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat parti fl-arbitraġġ, ma tistax tippreġudika l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, anki wara din l-adeżjoni, b'mod li, b'differenza mill-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Achmea, ma jistax jiġi konkluż li nkisru l-Artikoli 267 u 344 TFUE.

95. Elementi supplimentari jattestaw il-kompatibbiltà tal-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, fir-rigward tal-kwistjoni tal-ksur tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, liema prinċipju jidhirli li ma nkisirx.

*ii) Il-kwistjoni tal-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka*

96. Ir-Renju ta' Spanja jsostni li, b'effett mill-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija, it-tribunal ta' arbitraġġ inkwistjoni f'dan il-każ messu rrinunzja għall-ġurisdizzjoni tiegħu favur il-qrati Rumeni, li għaldaqstant kienu f'pożizzjoni li jiggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-investituri.

97. Is-soluzzjoni stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Achmea hija fil-fatt ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li jista' jikkostitwixxi l-użu ta' proċedura ta' arbitraġġ mibdija abbażi ta' BIT intra-Unjoni fil-kuntest ta' tilwima li tista' tirrigwarda l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

98. Fis-sentenza Achmea [32], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dritt tal-Unjoni huwa bbażat fuq il-premessa fundamentali li tipprovdi li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħrajn kollha u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu sensiela ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. Din il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri u, għalhekk, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni li jimplimentahom [33].

99. Fil-fatt, kif esponejt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Komstroy [34], l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħra kollha josservaw id-dritt tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti indipendenti, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rwol partikolari tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fosthom, primarjament, il-Kummissjoni, li huma responsabbli milli jiżguraw l-osservanza ta' dawn il-valuri, jattesta l-importanza tagħhom [35].

100. Barra minn hekk, huwa preċiżament il-fatt li r-relazzjonijiet li l-Unjoni tistabbilixxi ma' Stati terzi ma humiex ibbażati fuq il-fiduċja reċiproka, li teżisti fi ħdan l-Unjoni, li jiġġustifika li l-partijiet kontraenti fi ftehim internazzjonali li jorbot Stat Membru u Stat terz jiddeċiedu li jaqblu dwar mekkaniżmu newtrali ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, peress li kull waħda mill-partijiet kontraenti ma jkollhiex neċessarjament fiduċja sħiħa fis-sistema ġudizzjarja tal-parti l-oħra sabiex tiżgura l-osservanza tar-regoli li jinsabu fil-ftehim [36].

[32] Punt 34.

[33] Sentenza Achmea, punt 34. Ara wkoll l-Opinjoni 2/13 tat-18 ta' Diċembru 2014 (EU:C:2014:2454, punti 168 u 173 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[34] C-741/19, EU:C:2021:164, punt 64.

[35] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Komstroy (C-741/19, EU:C:2021:164, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[36] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fl-Opinjoni 1/17 (Ftehim CETA UE-Kanada, EU:C:2019:72, punt 82).

101. F'din il-perspettiva, nirrileva li l-konklużjoni ta' BIT bejn l-Istati Membri u l-Istati tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kienet inkoraġġita mill-Kummissjoni bħala strumenti meħtieġa għall-preparazzjoni tal-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni [37]. Barra minn hekk, l-Artikolu 74 tal-Ftehim tal-1995, intitolat "Il-Protezzjoni u promozzjoni ta' l-investiment", jippromwovi l-konklużjoni mill-Istati Membri u mir-Rumanija ta' ftehimiet ta' protezzjoni u ta' promozzjoni tal-investimenti. Għaldaqstant, ir-Renju tal-Isvezja u r-Rumanija segwew din l-inċentivazzjoni billi kkonkludew il-BIT inkwistjoni.

102. F'dan il-kuntest partikolari, il-klawżola ta' riżoluzzjoni ta' tilwim li tinsab fil-BIT għandha tinftiehem bħala rimedju palljattiv fl-assenza ta' fiduċja reċiproka bejn ir-Renju tal-Isvezja u r-Rumanija. Għalhekk din kienet tiżgura l-protezzjoni tal-investituri tal-Istati Membri fir-Rumanija, billi tiggarantixxi b'mod partikolari, fin-nuqqas ta' fiduċja suffiċjenti fl-osservanza minn dan l-Istat, qabel l-adeżjoni, tad-dritt tal-investituri għal rimedju effettiv, il-possibbiltà li tintuża sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim esterna għas-sistema ġudizzjarja ta' dan l-Istat [38].

103. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li huwa leġittimu li l-arbitri, aditi validament abbażi ta' BIT li l-konklużjoni tiegħu bejn Stat Membru u l-Istat parti fl-arbitraġġ qabel l-adeżjoni tiegħu ġiet inkoraġġita mill-Unjoni stess, ma jirrinunzjawx, fil-mument tal-adeżjoni, għall-ġurisdizzjoni tagħhom, peress li l-proċedura ta' arbitraġġ kienet tippermetti qabel l-adeżjoni, bl-istess mod bħall-prinċipju ta' fiduċja reċiproka wara din l-adeżjoni, li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-investituri.

104. Għaldaqstant, jidhirli li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Achmea, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka ma jistax jiġġustifika l-interruzzjoni tal-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni, li kienet tippermetti oriġinarjament li jittaffa n-nuqqas ta' fiduċja fl-osservanza mir-Rumanija tar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni.

105. Barra minn hekk, waqt is-seduta, European Food *et* u Viorel Micula *et* sostnew li l-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija ma kinitx ippermettiet li tiġi stabbilita fiduċja reċiproka bejn dan l-Istat Membru u l-Istati Membri l-oħra, peress li l-adeżjoni tiegħu kienet ġiet suġġetta għall-kundizzjoni tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u ta' verifika tal-progress imwettaq minn dan l-Istat Membru sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni [39].

106. Tali argument ma jistax ikun konvinċenti. Is-sempliċi Deċiżjoni MKV ma twassalx għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka fir-relazzjonijiet bejn ir-Rumanija u l-Istati Membri l-oħra. Sfiduċja ġenerali fil-konfront ta' Stat Membru sempliċement abbażi tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu bħal dak inkluż fid-Deċiżjoni MKV fil-mument tal-adeżjoni tiegħu ma tistax teżisti fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

[37] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Achmea (C-284/16, EU:C:2017:699, punt 40). Ara, ukoll, Kochenov, D. u Lavranos, N., "Achmea Versus the Rule of Law: CJEU's Dogmatic Dismissal of Investors' Rights in Backsliding Member States of the European Union", *Hague Journal on the Rule of Law*, 2021.

[38] Dwar il-kontribut tat-tribunali ta' arbitraġġ fid-dritt tal-investimenti għall-osservanza tal-Istat tad-dritt, ara Sadowski, W., "Protection of the Rule of Law in the European Union through Investment Treaty Arbitration: Is Judicial Monopolism the Right Response to Illiberal Tendencies in Europe?", *Common Market Law Review*, Nru 55, 2018, p. 1025 sa 1060, u Kochenov u D., Lavranos, N., *op. cit.*

[39] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2007, L 142M, p. 825, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni MKV").

Il-limitazzjoni tal-fiduċja fil-konfront tal-qrati Rumeni tista' tkun ibbażata biss fuq elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati dwar il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja fl-Istat Membru [40].

*3) Konklużjoni dwar l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Achmea*

107. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, il-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza Achmea ma jistgħux japplikaw f'dak li jirrigwarda proċedura ta' arbitraġġ, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, mibdija abbażi ta' BIT konkluż bejn żewġ Stati Membri qabel l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat parti fl-arbitraġġ, u li tkun għadha pendenti fil-mument ta' din l-adeżjoni [41].

108. Fil-fehma tiegħi, ma jistax jiġi konkluż li jeżistu ksur tal-prinċipji ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u ta' fiduċja reċiproka u ksur tal-Artikoli 267 u 344 TFUE.

***b) Il-kompatibbiltà tal-BIT mad-dritt tal-Unjoni meta dan ġie konkluż***

109. Ir-Renju ta' Spanja, sostnut f'dan is-sens mill-Kummissjoni, isostni li l-BIT, sa minn meta ġie konkluż, imur kontra d-dritt tal-Unjoni sa fejn it-tribunal ta' arbitraġġ ikkostitwit abbażi tiegħu jirriskja li jikkomprometti l-proċess deċiżjonali demokratiku fl-Istati partijiet peress li jċaħħad liġi Rumena mill-effett ekonomiku mfittex, u li jippreġudika l-applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fl-Isvezja u fir-Rumanija, u li l-BIT għalhekk jaffettwa l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni skont il-qafas kostituzzjonali tagħha.

110. Minn naħa, u b'mod ġenerali, niddubita mis-saħħa probatorja ta' tali argument fid-dawl tal-kuntest li fih ġew konklużi l-BIT bejn l-Istati Membri u r-Rumanija, peress li dawn tal-aħħar ġew inkoraġġiti jagħmlu dan mill-Unjoni permezz tal-Ftehim tal-1995. Barra minn hekk, tali soluzzjoni tammonta għall-ammissjoni retroattiva tal-inkompatibbiltà ta' BIT konkluż minn Stat Membru ma' Stat terz u għat-tqegħid fid-dubju, b'mod iktar ġenerali, mingħajr ebda forma ta' eżami u b'mod astratt, tal-kompatibbiltà tal-BIT kollha konklużi bejn Stat Membru u Stat terz.

111. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-proċedura ta' arbitraġġ inkwistjoni, jidhirli li din, fi kwalunkwe każ, la twassal sabiex iċċaħħad mill-effikaċja r-regoli tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat u lanqas, konsegwentement, sabiex iċċaħħad liġi Rumena mill-effett ekonomiku mfittex, sa fejn, għar-raġunijiet li ser niżviluppa fil-kuntest tal-eżami tal-appell prinċipali, jidhirli li r-regoli tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat japplikaw f'dan il-każ.

112. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-BIT ma jistax jitqies li huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni sa minn meta ġie konkluż.

40 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 61).

41 Barra minn hekk, nirrileva li tali soluzzjoni għandha l-vantaġġ li turi ċerta koerenza mal-prassi tat-tribunali ta' arbitraġġ, f'dak li jirrigwarda l-ġurisdizzjoni *ratione temporis* tagħhom. F'dan ir-rigward, ara Matringe, J. "La compétence ratione temporis et l'applicabilité du traité dans le temps", f'Leben, C. (editur), *La procédure arbitrale relative aux investissements internationaux*, L.G.D.J., 2010, p. 78 u 79.

### *3. Konklużjoni dwar l-appell inċidentali*

113. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali għandu jiġi miċħud. Peress li t-tieni aggravju tal-appell inċidentali jiddependi mill-fatt li jintlaqa' l-ewwel aggravju, jidhirli li l-appell inċidentali kollu għandu jiġi miċħud.

## B. Fuq l-appell prinċipali

114. Il-Kummissjoni, sostnuta f'dan is-sens mir-Renju ta' Spanja, tinvoka tliet aggravji insostenn tal-appell tagħha. Hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet, fl-ewwel lok, żball ta' liġi u klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti żbaljata sa fejn ikkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża; fit-tieni lok, żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni ma kienx japplika għall-kumpens mogħti; u, fit-tielet lok, żball ta' liġi sa fejn ikkonkludiet li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ikklassifikat b'mod żbaljat l-għoti ta' kumpens mit-tribunal ta' arbitraġġ bħala vantaġġ.

115. Ser nibda l-analiżi tiegħi bl-eżami tal-ewwel żewġ aggravji tal-appell, li jfittxu li jiġi ddeterminat il-mument li fih l-għajnuna mill-Istat għandha titqies li ngħatat mill-Istat Membru, sabiex jiġi stabbilit jekk id-dritt tal-għajnuna mill-Istat kienx applikabbli dak iż-żmien, u jekk il-Kummissjoni kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża.

### *1. Fuq l-ewwel żewġ aggravji tal-appell: id-determinazzjoni tal-mument tal-għoti ta' għajnuna*

116. Fil-punti 66 *et seq.* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li d-dritt tal-Unjoni sar applikabbli fir-Rumanija biss b'effett mid-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni u li minn dan jirriżulta li huwa biss f'dik id-data li l-Kummissjoni kisbet il-kompetenza li tippermettilha tipproċedi bl-istħarriġ tal-azzjoni tar-Rumanija taħt l-Artikolu 108 TFUE. Minn dan hija ddeduċiet ġustament li, sabiex tiġi ddeterminata l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża, għandha tiġi stabbilita d-data li fiha ngħatat l-allegata għajnuna.

117. Skont il-Qorti Ġenerali, "[i]d-dritt tar-rikorrenti [fl-ewwel istanza] li jirċievu l-kumpens inkwistjoni tnissel u beda jkollu effett fil-mument li r-Rumanija rrevokat l-EGO 24, jiġifieri qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, u, għalhekk, li l-mument li dan id-dritt ġie mogħti lir-rikorrenti […] huwa preċedenti għall-adeżjoni" [42].

118. Il-Kummissjoni ssostni li European Food *et* u Viorel Micula *et* kisbu dritt għall-kumpens mogħti biss meta d-deċiżjoni ta' arbitraġġ inbidlet f'titolu eżekuttiv skont id-dritt nazzjonali, peress li, qabel, id-dritt li jirċievu l-kumpens kien inċert. Għalhekk il-miżura li tagħti l-allegata għajnuna ma hijiex it-tħassir mir-Rumanija tal-EGO iżda hija l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ minn dan l-Istat Membru. Peress li din il-miżura ġiet adottata wara l-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija, id-dritt tal-Unjoni kien applikabbli u l-Kummissjoni kienet kompetenti sabiex teżaminaha fid-dawl tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, b'mod li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-miżura kienet ingħatat qabel din l-adeżjoni u li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti.

42 Punt 78 tas-sentenza appellata.

119. Nenfasizza fil-qosor, f'dan ir-rigward, li, kuntrarjament għal dak li jsostnu European Food *et* u Viorel Micula *et*, il-kwistjoni tal-mument li fih ingħatat għajnuna tabilħaqq tikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li tista' tiġi appellata meta jkun irid jiġi ddeterminat jekk kumpens mogħti minn deċiżjoni ta' arbitraġġ minħabba t-tħassir mill-Istat ta' skema ta' inċentivi fiskali għandux jitqies li ngħata fil-mument ta' dan it-tħassir, qabel l-adeżjoni, jew inkella meta twettaq il-ħlas effettiv tal-kumpens b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ, wara l-adeżjoni.

120. Barra minn hekk, l-argument ta' European Food *et* u ta' Viorel Micula *et*, li jgħid li l-Kummissjoni tfittex li temenda d-deċiżjoni kontenzjuża billi ssostni li l-għajnuna inkwistjoni tirriżulta mhux mill-ħlas tal-kumpens, iżda mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ, ma jistax jiġi segwit, peress li l-aggravji mqajma mill-Kummissjoni fl-appell tagħha tnisslu mis-sentenza appellata stess u jfittxu li jikkritikaw il-fondatezza tagħha [43].

121. Kif fakkret il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet, fis-sentenza Magdeburger Mühlenwerke [44], li "l-għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala li ngħatat fil-mument meta d-dritt li tiġi rċevuta jingħata lill-benefiċjarju skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli".

122. Kif isostnu European Food *et* u Viorel Micula *et*, tali formulazzjoni tidher li tindika li l-mument tal-għoti ta' miżura ta' għajnuna ma huwiex neċessarjament l-istess bħall-mument tal-ħlas effettiv tagħha.

123. Għalkemm dan huwa sikwit il-każ, jibqa' l-fatt li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, għajnuna tista' titqies li tkun ingħatat anki jekk ma tkunx effettivament tħallset [45]. Bl-istess mod, ġie deċiż, f'dak li jirrigwarda għajnuna mħallsa skont skema ta' għajnuna, li l-għajnuna tista' titqies li tkun ingħatat biss meta hija tkun ġiet implimentata b'mod effettiv, minkejja li l-iskema ta' għajnuna kienet teżisti minn qabel [46].

124. Fi kliem ieħor, fil-fehma tiegħi, il-ħlas effettiv tal-għajnuna ma jikkostitwixxix il-kriterju li jippermetti li jiġi ddeterminat il-mument li fih il-miżura għandha titqies li tkun ingħatat. Għalhekk is-sempliċi fatt li l-ħlas tal-kumpens inkwistjoni seħħ wara l-adeżjoni ma jistax ikun suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li dan effettivament ingħata f'dan il-mument, b'mod li d-dritt tal-Unjoni kien applikabbli u l-Kummissjoni kienet kompetenti.

125. Jidhirli li mill-prinċipju stabbilit fis-sentenza Magdeburger Mühlenwerke [47] jirriżulta b'mod ċar li l-element determinanti sabiex jiġi stabbilit il-mument tal-għoti ta' allegata għajnuna huwa l-kisba, mill-benefiċjarju tal-miżura inkwistjoni, ta' dritt ċert li din tiġi rċevuta, u l-impenn korrelattiv, min-naħa tal-Istat, li jagħti l-miżura. Tali kriterju jidher loġiku fid-dawl tal-għan tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat, li jfittex li jkopri l-azzjonijiet statali, peress li s-sempliċi impenn mill-Istat li jaġixxi insostenn ta' impriża benefiċjarja diġà jista', fih innifsu, jinvolvi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq, saħansitra qabel ma l-appoġġ jiġi effettivament implimentat.

[43] Sentenza tad-29 ta' Novembru 2007, Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni (C-176/06 P, mhux ippubblikata, EU:C:2007:730, punt 17).

[44] Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013 (C-129/12, EU:C:2013:200, punt 40).

[45] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Arriva Italia *et* (C-385/18, EU:C:2019:1121, punti 37 u 41).

[46] Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 88), u digriet tas-7 ta' Diċembru 2017, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni (C-369/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2017:955, punt 29).

[47] Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013 (C-129/12, EU:C:2013:200).

126. Skont il-Qorti Ġenerali, id-dritt ta' European Food *et* u Viorel Micula *et* li jirċievu l-allegata miżura ta' għajnuna li huwa l-kumpens mogħti mid-deċiżjoni ta' arbitraġġ tnissel fil-mument tal-ksur mir-Rumanija tad-dispożizzjonijiet tal-BIT. Ma naqbilx ma' din l-analiżi.

127. Huwa ċar li l-kumpens mogħti mit-tribunal ta' arbitraġġ, li huwa l-allegata għajnuna, joriġina minn dan il-ksur. Barra minn hekk, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 78 tas-sentenza appellata, huwa minnu li, skont il-loġika tad-dritt tar-responsabbiltà, id-deċiżjoni ta' arbitraġġ u l-ħlasijiet imwettqa mir-Rumanija jikkostitwixxu, għal European Food *et* u Viorel Micula *et*, ir-rikonoxximent ta' dritt li jiġu kkumpensati għal dannu mġarrab minħabba r-Rumanija u l-eżekuzzjoni ta' dan id-dritt. F'dan is-sens, kulma jagħmlu d-deċiżjoni ta' arbitraġġ u l-eżekuzzjoni tagħha huwa li jikkonstataw, b'mod retroattiv, l-eżistenza ta' dritt li kien jeżisti minn qabel[48].

128. Madankollu, għalkemm, fid-dritt tar-responsabbiltà, id-dritt għal kumpens tnissel fil-jum li fih iġġarrab id-dannu, din l-interpretazzjoni ma tistax timplika li, fid-dritt tal-għajnuna mill-Istat, id-dritt li tiġi rċevuta l-għajnuna jitnissel ukoll f'dan il-mument. Fil-fatt, peress li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ tikkonstata, b'mod *retroattiv*, l-eżistenza ta' dritt għal kumpens, dan huwa tabilħaqq għaliex, qabel din id-deċiżjoni, tali dritt għal kumpens ma kienx jeżisti b'mod ċert.

129. Matul il-proċedura ta' arbitraġġ, ġiet dibattuta l-eżistenza ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-BIT mir-Rumanija u, għalhekk, ta' dannu mġarrab minn European Food *et* u Viorel Micula *et*, billi r-Rumanija għalhekk ikkontestat il-fatt innifsu li kellha tħallas kumpens. Kien biss meta nqatgħet it-tilwima li r-Rumanija kienet obbligata tagħti l-kumpens inkwistjoni u li ngħata d-dritt li dan jiġi rċevut, fid-dritt tal-għajnuna mill-Istat u fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, lil European Food *et* u lil Viorel Micula *et*. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li, fid-dritt tar-responsabbiltà, id-deċiżjoni ta' arbitraġġ tikkonstata għall-passat l-eżistenza ta' dritt li jinkiseb kumpens għal dannu.

130. Peress li d-dritt tal-għajnuna mill-Istat jirrigwarda l-aġir tal-Istati Membri u l-impenn tagħhom li jagħtu ċerti miżuri, ma jistax jitqies li r-Rumanija kienet obbligata tikkumpensa lil European Food *et* u Viorel Micula *et* fil-mument innifsu li fih hija kienet preċiżament qiegħda tikkontesta l-eżistenza ta' tali obbligu.

131. Tali interpretazzjoni tippreżenta koerenza ċerta mal-ġurisprudenza dwar l-għoti ta' għajnuna permezz ta' deċiżjoni ta' qorti nazzjonali, li jidhirli li tista' tkun is-suġġett ta' analoġija maċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ. Għaldaqstant, ġie deċiż li minn deċiżjoni ta' qorti nazzjonali tirriżulta għajnuna peress li hija din id-deċiżjoni li tirrikonoxxi d-dritt tal-benefiċjarju li jikseb l-għajnuna, u tistabbilixxi l-ammont definittiv tagħha[49]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-deċiżjoni ta' mħallef għal miżuri provviżorji li tistabbilixxi mill-ġdid miżura ta' għajnuna, wara li kkonstatat li din tal-aħħar kienet tneħħiet bi ksur ta' kuntratt, għandha titqies li hija stess tagħti għajnuna ġdida[50].

132. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti żbaljata meta ddeċidiet li l-għajnuna inkwistjoni kienet ingħatat fil-mument tal-ksur mir-Rumanija tal-BIT.

[48] Punt 84 tas-sentenza appellata.

[49] Sentenza tad-29 ta' Novembru 2018, ARFEA vs Il-Kummissjoni (T-720/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:853, punt 185).

[50] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, DEI u Il-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados (C-590/14 P, EU:C:2016:797, punt 59).

133. Dan japplika iktar u iktar peress li, f'dan il-każ, id-dannu mġarrab minn European Food *et* u Viorel Micula *et* jirriżulta mit-tħassir, mir-Rumanija, tal-EGO, bil-għan li tikkonforma ruħha mar-regoli tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat. Fi kliem ieħor, skont il-Qorti Ġenerali, it-tħassir ta' miżura ta' għajnuna fis-sens tal-Ftehim tal-1995, li jirreferi għall-Artikolu 107 TFUE, li l-eżistenza tagħha ġiet stabbilita mill-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni, jikkostitwixxi fih innifsu l-miżura ta' għajnuna. Il-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni, li kien kompetenti fil-mument tat-tħassir, għalhekk, skont din il-loġika, fl-istess ħin li talab lir-Rumanija tħassar l-EGO, messu qies li tali tħassir kien jikkostitwixxi wkoll għajnuna mill-Istat u eżamina din il-miżura mill-ġdid fid-dawl tar-regoli tal-Ftehim tal-1995 dwar l-għajnuna mill-Istat.

134. B'mod iktar ġenerali, kif tirrileva l-Kummissjoni, is-soluzzjoni tal-Qorti Ġenerali twassal sabiex jiġi aċċettat li għajnuna mill-Istat tista' tingħata awtomatikament minħabba t-tħassir ta' għajnuna mill-Istat. Jidhirli li dan il-fatt juri nuqqas ta' koerenza tas-soluzzjoni adottata fis-sentenza appellata.

135. Għalhekk jidhirli li l-allegata miżura ta' għajnuna ngħatat mhux fil-mument tal-ksur tal-BIT, iżda fil-mument li fih ġie rrikonoxxut id-dritt ta' European Food *et* u ta' Viorel Micula *et* li jirċievu l-kumpens u li fih, korrelattivament, ir-Rumanija ġiet obbligata tħallas dan il-kumpens, jiġifieri wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ, meta din ġiet implimentata mir-Rumanija. Issa, dan il-mument kien sussegwenti għall-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija. Minn dan jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni kien tabilħaqq applikabbli għal din il-miżura u li l-Kummissjoni kienet kompetenti taħt l-Artikolu 108 TFUE sabiex teżamina l-kumpens inkwistjoni fid-dawl tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat.

136. F'dan ir-rigward, għandi nispeċifika, fl-interess tal-koerenza, li l-kwistjoni tal-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex teżamina miżura li tirriżulta minn kumpens mogħti permezz ta' deċiżjoni mogħtija minn tribunal ta' arbitraġġ fid-dawl tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat hija kwistjoni distinta minn dik tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Rumeni sabiex jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tat-tilwima li wasslet għall-għoti ta' kumpens, permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Għalhekk, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dawn tal-aħħar f'dan ir-rigward bl-ebda mod ma jippreġudika l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tanalizza l-kumpens mogħti wara l-adeżjoni fid-dawl tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat. Kif tirrileva ġustament il-Kummissjoni, din il-kompetenza hija ddeterminata biss mill-fatt li jagħti lok għall-għajnuna, li jseħħ fil-mument li fih id-dritt li jiġi rċevut il-kumpens jiġi rrikonoxxut b'mod ċert.

137. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, l-ewwel żewġ aggravji tal-appell għandhom jintlaqgħu[51].

138. Peress li din l-analiżi tippermetti li tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex teżamina l-kumpens inkwistjoni taħt l-Artikolu 108 TFUE, l-ewwel parti tal-ewwel motiv imressqa fl-ewwel istanza fil-kuntest tar-rikors għal annullament fil-Kawża T-704/15 u l-ewwel parti tat-tieni motiv imressqa fil-Kawżi T-624/15 u T-694/15 għandhom konsegwentement jiġu miċħuda.

[51] L-argument żviluppat mill-Kummissjoni fit-tieni aggravju tal-appell huwa bbażat essenzjalment fuq il-premessa li, għalkemm il-miżura għandha titqies li kienet ingħatat qabel l-adeżjoni, id-dritt tal-Unjoni xorta waħda kien applikabbli sa fejn il-ħlas tal-kumpens jikkostitwixxi l-effett futur ta' sitwazzjoni li nħolqot preċedentement. Jidhirli li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ffissat il-mument tal-għoti tal-għajnuna qabel l-adeżjoni, peress li dan tal-aħħar fir-realtà seħħ mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ u mal-implimentazzjoni tagħha mir-Rumanija. Ma huwiex neċessarju li jiġi ddeterminat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-ħlas tal-kumpens ma kienx jikkostitwixxi l-effett futur ta' sitwazzjoni preċedenti, u li għalhekk id-dritt tal-Unjoni ma kienx applikabbli.

### 2. *Fuq it-tielet aggravju tal-appell: l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE*

139. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' vantaġġ u billi naqset milli twieġeb għall-argumenti kollha mressqa fid-deċiżjoni kontenzjuża sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali vantaġġ.

140. Il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 103 tas-sentenza appellata, li, skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Asteris *et*[52], il-kumpens għal dannu ma jistax jitqies li huwa għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, sakemm dan il-kumpens ma jwassalx sabiex jiġi kkumpensat l-irtirar ta' għajnuna illegali jew inkompatibbli[53]. Skont il-Qorti Ġenerali, dan ma kienx il-każ.

141. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 104 u 105 tas-sentenza appellata, li, peress li mill-ewwel motiv ta' annullament jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni ma kienx applikabbli għall-kumpens inkwistjoni u li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex twettaq l-eżami tiegħu, dan il-kumpens ma jistax jitqies li huwa l-kumpens għall-irtirar ta' għajnuna illegali jew inkompatibbli.

142. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali speċifikat, fil-punti 106 sa 108 tas-sentenza appellata, li l-kumpens inkwistjoni kien ikopri perijodu preċedenti għall-adeżjoni, li matulu d-dritt tal-Unjoni ma kienx japplika, b'mod li għal dan il-perijodu, ir-rikorrenti setgħu jinvokaw il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Asteris *et*[54]. Issa, il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża, ma għamlitx distinzjoni bejn il-perijodi preċedenti u sussegwenti għall-adeżjoni. Minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni kontenzjuża hija vvizzjata b'illegalità sa fejn l-għoti tad-danni huwa kklassifikat fiha bħala "vantaġġ", tal-inqas għall-perijodu preċedenti għall-adeżjoni.

143. F'dan ir-rigward nirrileva ċerta kontradizzjoni fil-motivi tas-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-punt jekk il-Kummissjoni kinitx stabbilixxiet korrettament l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE għal European Food *et* u għal Viorel Micula *et*. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, l-assenza ta' vantaġġ minħabba l-inapplikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni għall-kumpens inkwistjoni, filwaqt li, min-naħa l-oħra, aċċettat li dan fir-realtà kien applikabbli sa fejn il-kumpens kien jirrigwarda l-irtirar tal-EGO għall-perijodu sussegwenti għall-adeżjoni. Għalhekk ma nifhimx kjarament il-bażijiet tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali li wassluha sabiex tilqa' dan il-motiv.

144. Barra minn hekk, jidhirli li kull wieħed minn dawn iż-żewġ motivi huwa vvizzjat bi żball ta' liġi.

145. Fl-ewwel lok, sa fejn ġie deċiż li l-Kummissjoni ma setgħetx validament tikkonkludi li kien jeżisti vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE sa fejn hija ma kinitx kompetenti sabiex teżamina l-kumpens fid-dawl tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat, għandu jiġi kkonstatat li dan ir-raġunament huwa bbażat esklużivament fuq premessa żbaljata. Kif urejt fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel żewġ aggravji tal-appell, id-dritt tal-Unjoni kien applikabbli u l-Kummissjoni kienet kompetenti, f'dak li jirrigwarda l-kumpens inkwistjoni, peress li dan tal-aħħar ingħata wara l-adeżjoni mal-Unjoni tar-Rumanija.

52 Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457).

53 Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Asteris *et* (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457, punti 23 u 24). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawżi magħquda Atzeni *et* (C-346/03 u C-529/03, EU:C:2005:256, punt 198).

54 Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457).

146. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, tiddeċiedi unikament fuq din il-bażi li l-kumpens inkwistjoni ma setax jitqies li kien kumpens għall-irtirar ta' għajnuna illegali jew inkompatibbli.

147. Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-argument li l-parti mill-kumpens li tikkorrispondi għall-perijodu preċedenti għall-adeżjoni taqa' taħt il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Asteris *et*[55], jidhirli fil-fatt li tali element huwa rilevanti fl-analiżi tal-eżistenza ta' vantaġġ. Nifhem ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fis-sens li jiddikjara li l-kumpens inkwistjoni ma setax jitqies li kien l-istabbiliment mill-ġdid ta' għajnuna illegali għaliex, qabel l-adeżjoni, ma setgħetx tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, peress li d-dritt tal-Unjoni kien għadu ma japplikax.

148. Għalkemm huwa ċar li, sabiex jiġi ddeterminat il-mument li fih tkun ingħatat miżura, jgħodd biss il-mument li fih ikun ingħata d-dritt li jiġi rċevut il-kumpens, fl-istadju tal-klassifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, in-natura partikolari ta' din il-miżura, li hija l-kumpens imħallas mir-Rumanija wara deċiżjoni ta' arbitraġġ, jista' jkollha rilevanza, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Asteris *et*[56].

149. Madankollu, kif issostni l-Kummissjoni, l-applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, ma tiddependix biss mill-punt jekk il-kumpens iwassalx għall-istabbiliment mill-ġdid ta' miżura li setgħet tiġi kklassifikata jew le bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE qabel l-adeżjoni. Fil-fatt, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eskludiet li din il-ġurisprudenza setgħet tiġi applikata għal proċedura ta' arbitraġġ, barra mir-regoli nazzjonali ġenerali ta' responsabbiltà ċivili tal-Istati Membri[57], u bbażat ruħha wkoll fuq il-fatt li l-inċentivi mogħtija taħt l-EGO kienu ġew ikklassifikati bħala "għajnuna" abbażi tal-Ftehim tal-1995 mill-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni[58].

150. Issa, indipendentement mill-punt jekk dawn iż-żewġ elementi kinux fondati, nirrileva li l-Qorti Ġenerali evalwat il-legalità ta' wieħed biss mill-motivi li wasslu lill-Kummissjoni sabiex teskludi l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Asteris *et*[59], sabiex minn dan tikkonkludi li din tal-aħħar fir-realtà kienet applikabbli.

151. Billi aġixxiet b'dan il-mod, jidhirli li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, tikkonkludi li kienet teżisti illegalità li tivvizzja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni bħala "vantaġġ", mingħajr ma tivverifika, fl-istess ħin, li l-Kummissjoni kienet żbaljat meta eskludiet l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Asteris *et*[60] minħabba, minn naħa, il-bażi li fuqha ngħata l-kumpens u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-EGO kienu ġew ikklassifikati bħala "għajnuna mill-Istat" abbażi tal-Ftehim tal-1995 mill-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni.

152. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, it-tielet aggravju tal-appell għandu jintlaqa'.

55 Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457).

56 Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457).

57 Premessi 101u 102 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

58 Premessi 105 sa 107 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

59 Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457).

60 Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457).

153. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jidhirli li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata, li l-ewwel parti tal-ewwel motiv fil-Kawża T-704/15 u l-ewwel parti tat-tieni motiv fil-Kawżi T-624/15 u T-694/15 għandhom jiġu miċħuda u li l-Kawżi magħquda T-624/15, T-694/15 u T-704/15 għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Qorti Ġenerali, sabiex hija tiddeċiedi dwar il-kumplament tal-motivi.

## VII. Konklużjoni

154. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell inċidentali,

– tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Ġunju 2019, European Food SA *et* vs Il-Kummissjoni (T-624/15, T-694/15 u T-704/15, EU:T:2019:423),

– tiċħad l-ewwel parti tat-tieni motiv fil-Kawżi T-624/15 u T-694/15 u l-ewwel parti tal-ewwel motiv fil-Kawża T-704/15,

– tibgħat il-Kawżi magħquda T-624/15, T-694/15 u T-704/15 lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija tiddeċiedi dwar il-kumplament tal-motivi.